**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 582/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**Marlon Zarb**

**Illum 31 ta' Jannar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Marlon Zarb, iben Robert u Marceline neè Portelli, imwieled il-Pietà fit-23 ta' Ottubru 1988 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 486288(M):

1. Talli fit-28 ta' Mejju 2012, għall-ħabta tas-17:30hrs, ġewwa Triq Nazju Ellul ġewwa l-Gżira, volontarjament ħebb għall-persuna ta' Aaron Sultana u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' delitt liema delitt ta' ferita gravissima ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġab ruħu b'tali mod li kkaġuna lil ħaddieħor biża' li ser jintuża vjolenza, meta huwa kien jaf jew messu kien jaf li b'tali imġieba tiegħu ser jikkaġuna lil ħaddieħor biża';
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waddab ġebel jew oġġetti oħra iebsin fid-direzzjoni ta' Aaron Sultana;
4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioè l-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CAG-538, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) imma huwa iżjed minn mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) għad-dannu ta' Aaron Sultana u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b), l-Artikolu 325A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' reġolamenti kkaġuna ħsara fuq il-vettura CAG-538 għad-dannu ta' Aaron Sultana detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 350183(M);

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-paċi pubblika b'għajjat storbju u ġlied;
7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi qal kliem u dagħa fil-pubbliku;
8. Kif ukoll talli nhar it-30 ta' Mejju 2012 għall-ħabta tal-13:55 ta' wara nofsinhar ġewwa dawn il-gżejjer saq vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 matul il-perijodu illi huwa kien skwalifikat milli jkollu liċenzja tas-sewqan bi ksur ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq il-vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Transport Malta taħt dik il-kategorija għall-imsemmija vettura bi ksur ta' l-Artikolu 15(1) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta;
10. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jiġifieri lil PS69 Jesmond Cremona u PC132 Keith Sultana u PC144 Sergio Periano jew ma ħallihomx, jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fid-dmirijiet tagħhom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma kienx jaqa' taħt disposizzjonijiet oħra tal-Kap.9 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta;
11. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurtà dwar riskji għal terzi persuni, bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta;
12. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ostakola l-passaġġ liberu ta' Triq il-Kunċizzjoni billi pparkja fin-nofs il-vettura bin-Numru tar-Reġistrazzjoni FBZ-592;
13. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 b'manjiera traskurata bi ksur ta' l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta;
14. Bħala xufier ta' vettura b'Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 naqas li jieqaf u jagħti l-isem u l-indirizz tiegħu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura, wara li din il-vettura bil-mutur fit-triq kienet involuta f'inċident li jinvolvi offiża fuq il-persuni u meta ġiet ikkaġunata ħsara lil xi vettura;
15. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioè l-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni EBN-648 liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) imma hija iżjed minn mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) għad-dannu ta' Carmel Camilleri, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 325 (1)(b) u 325A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
16. Naqas li jieqaf fi triq li kienet b'linji bojod paralleli, jew b'sinjali oħra biex juru spazju għall-passaġġ għall-użu tan-nies bil-pass, biex iħalli lin-nies bil-pass jaqsmu;
17. Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt li kien qed isuq il-vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 naqas milli jieqaf fuq is-sinjali ta' dawl tat-traffiku meta id-dawl kien aħmar;

18. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 kontra s-sinjali tat-traffiku (No entry);
19. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 mingħajr ma kien qed jagħmel użu mis-seat belt, bi ksur ta' l-Avviż Legali 129/95;
20. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 bi ħġieġ tinted kemm ta' quddiem kif ukoll ta' wara mingħajr permess ta' l-awtoritajiet kompetenti;
21. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u matul ix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, bħala persuna li ftehmet li tixtri, jew li xtrat vettura bil-mutur, naqas li fi żmien sebat ijiem jagħti avviż bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija, magħdud l-isem u l-indirizz tal-persuna li tbiegħ jew tiftiehem li tbiegħ l-imsemmija vettura bil-mutur u cioè l-vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 kif ukoll jikkonsenja lill-imsemmi Kummissarju l-liċenza relattiva;
22. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm u ġar strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;
23. Talli bejn Awwissu 2011 u l-1 ta' Ġunju 2012 f'dawn il-Gżejjer naqas milli jirrapporta lill-uffiċjal awtorizzat mingħajr dewmien, li xi waħda mill-partikolaritajiet li tinsab fil-karta ta' l-identità tiegħu u cioè l-indirizz tal-lok ewlieni ta' residenza fejn abitwalment jorqod kif provdut fl-Artikolu 5(2)(b) tal-Kap.258 tal-Liġijiet ta' Malta, ma baqatx iktar korretta u kif ukoll naqas li jagħti t-tagħrif kollu meħtieġ;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti:

- Barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà tal-persuna indikata fl-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat;
- Toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm fil-mori tal-proċeduri kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa;
- F'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
- Tiskwalifika lil Marlon Zarb milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal dak it-tul ta' żmien li jidhrilha xieraq u kif ukoll tordna l-konfsika tal-vettura Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tikkundanna lill-imputat għall-ħlas, lir-Reġistratur, ta' l-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, ai termini ta' l-Artikkolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "JS1" sa' Dok. "JS4" a fol. 61 sa' 68 tal-proċess;

Rat li l-imputat inizjalment wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1], iżda imbagħad fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2012 huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih[2];

Rat li waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2012 il-partijiet iddikjaraw li qed jaqblu li hemm rinunzja da parte tal-kwerelant għal dak kollu li huwa rinunzjabbli u li l-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 ġiet ritornata lil sidha[3];

Rat li waqt l-istess imsemmija seduta tat-13 ta' Ġunju 2012, id-Difensur ta' l-imputat issottometta li l-vettura kienet munita b'assikurazzjoni iżda li huwa minnu li l-liċenzja tas-sewqan fiż-żmien rilevanti kienet sospiża u li salv għal dan, l-imputat irribadixxa l-ammissjoni tiegħu[4];

Rat li b'Digriet datat 13 ta' Ġunju 2012, il-Qorti ordnat li jiħejja rapport dwar jekk l-imputat huwiex idoneju għax-xogħol fil-komunità[5];

Rat u kkunsidrat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Marilyn Attard mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2012[6] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "MA" a fol. 88 sa' 94 tal-proċess;

Rat li fil-11 ta' Frar 2014, dawn il-proċeduri ġew differiti *sine die*[7];

Rat li b'Digriet datat 2 ta' April 2018, il-proċeduri ġew riappuntati quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta[8];

Semgħet ix-xhieda ta' PC895 Joseph Scicluna mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2020[9];

Rat li waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021[10], id-Difensur ta' l-imputat irrileva li l-imputat kien irreġistra ammissjoni f'dawn il-proċeduri u fit-13 ta' Ġunju 2012 il-Qorti kienet ordnat li jsir rapport verbali dwar jekk l-imputat huwiex eleġibbli għal servizz fil-komunità jew le. Irrileva ulterjorment li r-rapport ġie ppreżentat fil-11 ta' Lulju 2012 u minħabba t-trapass ta' żmien talab li l-evalwazzjoni fil-konfront ta' l-imputat ssir mill-ġdid għall-fini li jiġi kkunsidrat jekk huwiex eleġibbli o meno għal servizz fil-komunità;

Rat li in vista tal-fatt li l-imputat għadu qed isostni l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu, b'Digriet mogħti fit-30 ta' Settembru 2021, il-Qorti, fl-aħjar interess tal-ġustizzja u anke fl-aħjar interess tad-drittijiet ta' l-imputat, ordnat li terġa' ssir evalwazzjoni dwar jekk l-istess imputat huwiex eleġibbli għal servizz fil-komunità, b'dana li jekk l-

[1] Fol. 69 tal-proċess.
[2] Fol. 71 tal-proċess.
[3] *Ibid.*
[4] Fol. 71 tal-proċess.
[5] *Ibid.*
[6] Fol. 82 sa' 85 tal-proċess.
[7] Fol. 102 tal-proċess.
[8] Fol. 103 tal-proċess.
[9] Fol. 115 tal-proċess.
[10] Fol. 130 tal-proċess.

Uffiċjal tal-Probation inkarigata minn tali evalwazzjoni tgħarraf lill-Qorti li mhux qed issib kooperazzjoni mill-imputat u ma jkunx jista' jiġi mħejji r-rapport, id-Digriet imsemmi jiġi revokat b'effett immedjat[11];

Rat li waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021 dehret l-Uffiċjal tal-Probation Marilyn Attard illi għarrfet lill-Qorti li minkejja diversi tentattivi biex jinżamm appuntament ma' l-imputat, l-istess imputat ma attendiex għal dawn l-appuntamenti[12];

Rat illi b'Digriet datat 28 ta' Ottubru 2021, ġie revokat *contrario imperio* d-Digriet datat 30 ta' Settembru 2021[13];

Semgħet it-trattazzjoni finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat: (1) talli fit-28 ta' Mejju 2012, għall-ħabta tas-17:30hrs, ġewwa Triq Nazju Ellul ġewwa l-Gżira, volontarjament ħebb għall-persuna ta' Aaron Sultana u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' delitt liema delitt ta' ferita gravissima ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu; (2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġab ruħu b'tali mod li kkaġuna lil ħaddieħor biża' li ser jintuża vjolenza, meta huwa kien jaf jew messu kien jaf li b'tali mġieba tiegħu ser jikkaġuna lil ħaddieħor biża'; (3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waddab ġebel jew oġġetti oħra iebsin fid-direzzjoni ta' Aaron Sultana; (4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioè l-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CAG-538, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) imma huwa iżjed minn mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) għad-dannu ta' Aaron Sultana u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b), l-Artikolu 325A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' reġolamenti kkaġuna ħsara fuq il-vettura CAG-538 għad-dannu ta' Aaron Sultana detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 350183(M); (6) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-paċi pubblika b'għajjat storbju u ġlied; (7) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi qal kliem u dagħa fil-pubbliku; (8) kif ukoll talli nhar it-30 ta' Mejju 2012 għall-ħabta tal-13:55 ta' wara nofsinhar ġewwa dawn il-gżejjer saq vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 matul il-perijodu illi huwa kien skwalifikat milli jkollu liċenzja tas-sewqan bi ksur ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta; (9) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq il-vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Transport Malta taħt dik il-kategorija għall-imsemmija vettura bi ksur ta' l-Artikolu 15(1) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta; (10) talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jiġifieri lil PS69 Jesmond Cremona u PC132 Keith

[11] *Ibid.*
[12] Fol. 133 tal-proċess.
[13] Fol. 133 tal-proċess.

Sultana u PC144 Sergio Periano jew ma ħallihomx, jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fid-dmirijiet tagħhom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba dan id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma kienx jaqa' taħt disposizzjonijiet oħra tal-Kap.9 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta; (11) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurtà dwar riskji għal terzi persuni, bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta; (12) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ostakola l-passaġġ liberu ta' Triq il-Kunċizzjoni billi pparkja fin-nofs il-vettura bin-Numru tar-Reġistrazzjoni FBZ-592; (13) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 b'manjiera traskurata bi ksur ta' l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta; (14) bħala xufier ta' vettura b'Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 naqas li jieqaf u jagħti l-isem u l-indirizz tiegħu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marja jew numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura, wara li din il-vettura bil-mutur fit-triq kienet involuta f'inċident li jinvolvi offiża fuq il-persuni u meta ġiet ikkaġunata ħsara lil xi vettura; (15) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioè l-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni EBN-648 liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) imma hija iżjed minn mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) għad-dannu ta' Carmel Camilleri, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 325 (1)(b) u 325A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (16) naqas li jieqaf fi triq li kienet b'linji bojod paralleli, jew b'sinjali oħra biex juru spazju għall-passaġġ għall-użu tan-nies bil-pass, biex iħalli lin-nies bil-pass jaqsmu; (17) ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt li kien qed isuq il-vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 naqas milli jieqaf fuq is-sinjali ta' dawl tat-traffiku meta id-dawl kien aħmar; (18) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 kontra s-sinjali tat-traffiku (No entry); (19) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 mingħajr ma kien qed jagħmel użu mis-seat belt, bi ksur ta' l-Avviż Legali 129/95; (20) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 bi ħġieġ tinted kemm ta' quddiem kif ukoll ta' wara mingħajr permess ta' l-awtoritajiet kompetenti; (21) talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u matul ix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, bħala persuna li ftehmet li tixtri, jew li xtrat vettura bil-mutur, naqas li fi żmien sebat ijiem jagħti avviż bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija, magħdud l-isem u l-indirizz tal-persuna li tbiegħ jew tiftiehem li tbiegħ l-imsemmija vettura bil-mutur u cioè l-vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 kif ukoll jikkonsenja lill-imsemmi Kummissarju l-liċenza relattiva; (22) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm u ġar strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur ta' l-Artikolu 13(1) tal-Kap.66 tal-Liġijiet ta' Malta; (23) talli bejn Awwissu 2011 u l-1 ta' Ġunju 2012 f'dawn il-Gżejjer naqas milli jirrapporta lill-uffiċjal awtorizzat mingħajr dewmien, li xi waħda mill-partikolaritajiet li tinsab fil-karta ta' l-identità tiegħu u cioè l-indirizz tal-lok ewlieni ta' residenza fejn abitwalment jorqod kif provdut fl-Artikolu

5(2)(b) tal-Kap.258 tal-Liġijiet ta' Malta, ma baqatx iktar korretta u kif ukoll naqas li jagħti t-tagħrif kollu meħtieġ.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti, *inter alia*, tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal dak it-tul ta' żmien li jidhrilha xieraq u kif ukoll tordna l-konfsika tal-vettura Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592.

Inizjalment l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda imbagħad fit-13 ta' Ġunju 2012 huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih u ssottometta li l-vettura, ossia l-vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592, li sa' dak l-istadju kienet ġiet ritornata lura lil sidha, kienet munita b'assikurazzjoni iżda ammetta u irrikonoxxa li l-liċenzja tas-sewqan fiż-żmien rilevanti kienet sospiża.

Il-kwerelant, u f'dan il-każ il-Qorti kif issa presjeduta qed tifhem li huwa Aaron Sultana[14], irrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront ta' l-imputat.

Fis-sottomissjonijiet finali d-Difiża argumentat, fost affarijiet oħra, illi minkejja l-ammissjoni ta' l-imputat, il-Qorti ma tistax issibu ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu stante li ma hemmx provi dwar il-ħtija tiegħu għall-istess. Salv għal dak minnha osservat iktar 'l isfel f'din id-deċiżjoni dwar l-imputazzjoni numru ħdax u l-imputazzjoni numru wieħed u għoxrin, il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tad-Difiża għar-raġuni li meta imputat jammetti għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, kif hekk dedotti kontrih fiċ-ċitazzjoni, huwa jkun appuntu qed **jammetti** li wettaq ir-reati li bihom ikun qed jiġi akkużat, bl-addebiti kollha relattivi, bil-konsegwenza għalhekk li il-Prosekuzzjoni ma għandhiex għalfejn tressaq provi biex tistabilixxi, 'l hinn minn kull dubju raġonevoli, l-ħtija tiegħu għall-istess. Huwa kontro-sens loġiku u ġuridiku li jingħad illi imputat, li jkun għal darba darbtejn, ammetta għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, ma jistax jinstab ħati a bażi ta' l-ammissjoni tiegħu minħabba nuqqas ta' provi fir-rigward.

Fil-każ in eżami mbagħad, ma jagħmel ebda sens li d-Difiża fis-sottomissjonijiet finali tikkontendi li l-imputat ma għandux jinstab ħati, minkejja l-ammissjoni tiegħu, minħabba nuqqas ta' provi meta: (i) fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2012, **wara li l-imputat irreġistra ammissjoni** għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, ġie verbalizzat is-segwenti: *l-Avukat Difensur f'dan l-istdaju tissottometti li l-vettura kienet munita b'assikurazzjoni. Taqbel ukoll li l-liċenzja tas-sewqan fiż-żmien rilevanti kienet sospiża.* ***Salv li ngħad f'dan il-verbal l-imputat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu***; u (ii) fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, **dejjem fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat** id-Difiża għamlet talba biex l-eleġibilità ta' l-imputat għal xogħol fil-komunità tiġi kkunsidrata mill-ġdid minħabba t-trapass ta' żmien minn meta kien sar ir-rapport fir-rigward fil-11 ta' Lulju 2012. La l-imputat baqa' jsostni l-ammissjoni tiegħu tul dan iż-żmien kollu, ċertament issa ma

[14] U dana billi fiż-żmien tar-rinunzja l-Qorti kienet diversament presjeduta.

jistax jiġi pretiż minn ħadd, u wisq inqas mid-Difiża, li tali ammissjoni tiġi skarata u addirittura li jiġi liberat mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

L-unika rimarki li l-Qorti tħoss li għandha tagħmel fir-rigward ta' dan kollu huwa dwar dak ivverbalizzat mid-Difensur ta' l-imputat fit-13 ta' Ġunju 2012 dwar il-kopertura assikurattiva fuq il-vettura, liema vettura l-Qorti tqis li hija l-vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 stante li l-imputazzjoni numru ħdax dedotta il-konfront ta' l-imputat hija proprio fis-sens illi: u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurtà dwar riskji għal terzi persuni, bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta **u** dwar l-imputazzjoni numru wieħed u għoxrin dedotta fil-konfront ta' l-imputat fis-sens illi: talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u matul ix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, bħala persuna li ftehmet li tixtri, jew li xtrat vettura bil-mutur, naqas li fi żmien sebat ijiem jagħti avviż bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija, magħdud l-isem u l-indirizz tal-persuna li tbiegħ jew tiftiehem li tbiegħ l-imsemmija vettura bil-mutur u cioè l-vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 kif ukoll jikkonsenja lill-imsemmi Kummissarju l-liċenza relattiva.

Fir-rigward tal-verbal tat-13 ta' Ġunju 2012, ladarba l-Prosekuzzjoni ma oġġezzjonatx għal dak il-verbal u addirittura ma oġġezzjonatx għall-fatt li l-pass li kien imiss f'dawn il-proċeduri kien li jitħejja rapport dwar l-idonetà ta' l-imputat għal xogħol fil-komunità, il-Qorti tqis li kien hemm qbil da parte ta' l-istess Prosekuzzjoni li bħala fatt il-vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 kienet fiż-żmien pertinenti għall-imputazzjoni relattiva dedotta fil-konfront ta' l-imputat, koperta b'polza ta' assikurazzjoni ai termini tal-Liġi. Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat ma għandux jinstab ħati ta' l-imputazzjoni numru ħdax dedotta fil-konfront tiegħu.

In kwantu rigwarda l-imputazzjoni numru wieħed u għoxrin dedotta fil-konfront ta' l-imputat *qua* l-persuna li ftehmet li tixtri jew li xtrat vettura, ossia *qua* l-**kompratur** tal-vettura, minn eżami tal-provvedimenti tal-Liġi relattivi għat-trasferiment ta' vetturi, ossia r-Regolament 119 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u r-Regolament 27(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, jirriżulta li l-obbligu ta' l-avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Awtorità kompetenti bit-trasferiment tal-vettura jinkombi fuq l-importatur jew il-bejjiegħ tal-vettura u mhux fuq il-kompratur. Konsegwentement għalhekk l-imputat - minkejja l-ammissjoni tiegħu - ma jistax jinstab ħati li kiser obbligu fil-Liġi li in verità ma kienx jinkombi lilu.

Il-Qorti tqis li għandha tieħu in konsiderazzjoni wkoll kwistjoni oħra verbalizzata waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2012, ossia l-fatt li l-kwerelant - li l-Qorti qed tieħdu bħala li huwa Aaron Sultana fir-rigward ta' min jirreferu l-ewwel seba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat - irrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront ta' l-imputat.

Il-Qorti tibda billi tosserva li ai termini ta' l-Artikolu 545(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli anke fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, *meta l-azzjoni ma tistax titmexxa ħlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', f'kull*

*żmien sa' ma tingħata s-sentenza finali, jirrinunzja għall-kwerela li huwa jkun ġia għamel.* Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta li r-rinunzja da parte tal-kwerelant tista' teffettwa l-azzjoni istitwita fil-konfront ta' l-imputat **biss** kemm-il darba dik l-azzjoni ma setgħetx tinbeda ħlief bil-kwerela tal-parti privata. Konsegwentement għalhekk jekk l-azzjoni tkun istitwita mill-Pulizija *ex officio* allura r-rinunzja ma teffettwax l-azzjoni per se imma tista' se mai jkollha effett għall-finijiet tal-piena erogata fil-konfront ta' l-imputat.

Kif già iktar 'l fuq osservat, ir-rinunzja da parte ta' Aaron Sultana tolqot biss l-ewwel seba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat, liema imputazzjonijiet huma essenzjalment:

1. Attentat ta' ferita gravissima ai termini ta' l-Artikoli 41(1)(a) u 218(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontriha ai termini ta' l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Kontravvenzjoni kontra l-persuna ai termini ta' l-Artikolu 339(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Ħsara volontarja ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Ħsara involontarja ai termini ta' l-Artikolu 328(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 338(bb) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-imputazzjonijiet imsemmija hija biss il-ħames imputazzjoni li tista' b'xi mod tkun effettawata mir-rinunzja tal-parti leża stante li l-*proviso* ta' l-Artikolu 328 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi, u dan anke fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, li: *Iżda fil-każijiet imsemmija fil-pararafu (d), ħlief meta l-ħsara tkun ikkaġuntata fi proprjetà pubblika, jistgħu jittieħdu proċediment biss bil-kwerela tal-parti offiża.* Fil-każ ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha ma hijiex meħtieġa l-kwerela tal-parti leża biex il-proċedimenti fir-rigward jistgħu jiġu istitwiti u għaldaqstant ir-rinunzja tal-parti leża ma teffettwax il-perkors ta' din l-azzjoni fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet.

Minkejja dak osservat dwar il-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, din hija kjarament alternattiva għar-raba' imputazzjoni dwar il-ħsara volontarja kaġunata lill-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CAG-538 a dannu ta' Aaron Sultana u għaldaqstant il-Qorti fi kwalunke każ ma kenitx ser tieħu konjizzjoni tagħha.

Fid-dawl ta' dan osservat għalhekk, il-Qorti, filwaqt li tqis li għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat in kwantu alternattiva għar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu **u** għandha tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni numru ħdax u mill-imnputazzjoni numru wieħed u għoxrin dedotti fil-konfront tiegħu, għandha, fuq ammissjoni ta' l-istess imputat, ssibu ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Il-Qorti hi tal-fehma wkoll li, dejjem a bażi ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, għadha tittratta u tqis

lill-istess imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal kull buon fini jiġi osservat li l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta f'dan il-każ tirriżulta kkonfermata mill-fatt li b'sentenza mogħtija fil-konfront ta' l-imputat fit-23 ta' April 2009, huwa kien *inter alia* ġie kkundannat għal tlett xhur ħabs sospiżi għal sentejn[15], iżda l-istess imputat wettaq ir-reati mertu ta' dawn il-proċeduri wara li għadda t-terminu operattiv tas-sentenza sospiża u entro t-terminu ta' ħames snin prefiss fl-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni r-rinunzja da parte ta' Aaron Sultana, it-trapass ta' żmien minn meta twettqu r-reati ammessi mill-imputat, ir-rapport ta' l-Uffiċjal tal-Probation Marilyn Attard dwar in-nuqqas ta' idonejtà ta' l-imputat għal xogħol fil-komunità u l-fatt li għalkemm l-imputat ingħata l-possibilità li ssir evalwazzjoni mill-ġdid fir-rigward ta' tali idonejtà tiegħu għal xogħol fil-komunità, huwa ma usufruwiex b'mod adegwat minn tali possibilità u l-fatt li l-ħames imputazzjoni hija alternattiva għar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, il-fatt li t-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitta u s-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat jiġu assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u li t-tmien, disa', għaxar, tnax, tlettax, erbatax, sittax, sbatax, tmintax, dsatax, għoxrin u tnejn u għoxrin imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat jiġu assorbiti fl-imputazzjoni numru ħmistax dedotta kontrih.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat in kwantu alternattiva għar-raba' imputazzjoni dedotta kontrih, ma ssibx lill-imputati ħati ta' l-imputazzjoni numru ħdax u ta' l-imputazzjoni numru wieħed u għoxrin dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom, u wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b)(d), 31, 41(1)(a), 49, 50, 218(1), 251B, 325(1)(b), 338(bb), 338(dd), 338(ee) u 339(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1)(a), 54, 55(1), 59 tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, ir-Regolamenti 67, 79(f), 89(1)(4), 110A, 125(2) u l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, ir-Regolamenti 3, 12(a), 13(1) tal-Leġislazzjoni Susiddjarja 65.12, ir-Regolament 11(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.13, l-Artikolu 26 ta' l-Avviż Legali 308 ta' l-2012, l-Artikoli 19(1) u 24 tal-Kap.258 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha dedotti fil-konfront tiegħu, ossia ssibu ħati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa', l-għaxar, it-tnax, it-tlettax, l-erbatax, il-ħmistax, is-sittax, is-sbatax, it-tmintax, id-dsatax, l-għoxrin, it-tnejn u għoxrin u t-tlieta u għoxrin imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għall-seba' (7) xhur priġunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikoli 15(3) u 55(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiskwalifika lill-imputat milli jkollu liċenza tas-sewqan għal perijodu ta' xahar mid-data ta' din is-sentenza.

In vista tal-fatt li l-vettura ta' l-għamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBZ-592 ilha żmien twil li ġiet ritornata lil sidha, hekk kif jirriżulta

[15] Vide Fedina Penali ta' l-imputat.

mill-verbal tat-13 ta' Ġunju 2012, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-konfiska ta' l-imsemmija vettura.

Fid-dawl tar-rinunzja da parte ta' Aaron Sultana u anke fid-dawl tat-trapass taż-żmien il-Qorti ma tqisx li hemm lok għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas ma hemm lok għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin u/jew Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' l-imputat.

Siccome f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda Esperti, il-Qorti tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-kundanna għall-ħlas ta' l-ispejjeż konnessi man-nomina ta' Esperti ai termini ta' l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jiġu notifikati lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**